MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 347/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala Rappresentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alexander Grech u l-istess Alexander Grech**

**Vs**

**George Said**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm250.15) [Lm225.15 lis-socjeta attrici u l-bilanc lil Alexander Grech] minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' l-incident tat-traffiku li sehh fil-Mosta fil-5 ta' Settembru 2002, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura JAS 112 habat mal-vettura numru FOL 149 u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti huma s-segwenti:-

(a) L-incident sehh fi Triq San Silvestru, Mosta. Kif juru r-ritratti li gewipprezentati mill-kontendenti, din it-triq hija dejqa hafna.

(b) Il-vetturi kienu qeghdin jinstaqu fid-direzzjoni opposta ghal xulxin.

(c) Il-vettura misjuqa mill-attur [numru FOL 149] kienet maqlugha l-barra minn mal-hajt fuq ix-xellug taghha.

2. It-Tribunal acceda personalment fuq il-post, u kkonstata li:-

(a) Dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident m'hijiex wiesgha bizzejjed biex ighaddu zewg vetturi minn ma' gemb xulxin u f'direzzjoni opposta.

(b) Ghall-konvenut ma kien ser iservi xejn jekk jwaqqaf fil-fetha li tidher fir-ritratt AG1. Fl-ewwel lok din il-fetha m'hijiex parti mit-triq u f'kull kaz ma kienx ikun possibbli ghall-konvenut li jesplora t-traffiku li jkun gej mill-faccata. Dan peress li l-hajt li jidher fir-ritratt jostakola ghal kollox il-vizwali.

(c) Min ikun qieghed isuq fid-direzzjoni li kien ghaddej minnha l-attur, ma jistax ighaddi nkaxxat mal-hajt tas-sejjiegh. Dan peress li hemm wisa' zghira li hija bit-terrapin u haxix hazin. Madankollu zgur li m'hemmx il-

htiega li wiehed isuq metru l-barra mill-hajt tas-sejjiegh, kif qal li kien qieghed isuq l-attur dakinhar li sehh l-incident.

(d) Il-vizwali ghal sewwieqa li jinzertaw jiltaqghu fil-punt fejn sehh l-incident, mhi tajba xejn. Il-konfigurazzjoni tat-triq titlob li wiehed isuq bil-mod hafna u li jati sinjal billi jpaqpaq il-horn sakemm ighaddi din il-parti tat-triq.

3. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova. It-Tribunal m’huwiex moralment konvint li fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz il-konvenut kien b’xi mod responsabbli ghal dan l-incident. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien qieghed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq u ma rrizultax li wettaq xi nfrazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta’ l-atturi, bl-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] kontra taghhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------